**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten',** 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 02/09 | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 16/04/2009 fis-08.45pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | | Camilleri Claude | Preżenti |
| | | Darmanin Richard | Preżenti |
| | | Fenech Stephanie | Preżenti sad-9.15pm |
| | | Hales Joseph | Assenti minħabba xogħol |
| | | Pace Darrell | Preżenti |
| | | Seychell Anthony | Preżenti sad-9.30pm |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |

**01. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 1. 1 | | Proponent:Camilleri<br>Sekondant:Vici-Sindku | **Il-Minuti 01/09 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |
| | 01.2.1 | minflok il-kelma 'negattiv', tidħol il-kelma 'pożittiv' filwaqt li minflok il-kelma 'iżda' tidħol il-kelma 'u'. | | |
| | 01.9.12 | minflok 'twieqi' tidħol il-kelma 'mirja'. | | |
| 01. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**01. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2. 1 | 01.2.2 | Fenech: Progett "Inizjattivi Sportivi" | Fenech spjegat li wara li saret rikunsiderazzjoni tal-breakdown of expenses, ġew imnaqqsa l-mats u saret spjegazzjoni li kull sala fil-lokal trid tħallas għaliha ferm għola u mingħajr l-irċevuta fiskali. | Fenech |
| 01. 2. 2 | 01.2.9 | Sindku: Wirja ta' l-Artiġjanat | Is-Sindku ħeġġeġ lill-kunsilliera jattendu għall-ftuħ tal-Wirja ta' l-Artiġjanat minn Mary Grace Montebello għada l-Ġimgħa 17 ta' April. | Viċi-Sindku |
| 01. 2. 3 | 01.2.10 | Seychell: Storja ta' l-Għassa | Seychell qal li l-Perit Ruben Abela diġa' pprova jagħmel xi riċerki iżda ma sabx informazzjoni. Il-Viċi-Sindku qalet li jista' jagħti l-każ li l-għassa stess għandhom xi informazzjoni. L-aħjar li jkun ikkuntattjat il-Kanonku Dun Joe Abela. | Seychell |
| 01. 2. 4 | 01.2.15 | Camilleri: Wirja dwar l-iskola | Camilleri ġie infurmat mill-Maġġur Abela li m'hemmx rekords dwar għalliema li kienu jgħallmu l-iskola primarja. Iżda d-Dipartiment zgur li għandu dan it-tagħrif. | Camilleri |
| 01. 2. 5 | 01.2.16 | Sindku: Olive Oil Museum | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser issir laqgħa mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni nhar it-28 ta' April fid-9am dwar l-applikazzjoni li l-Kunsill għandu quddiem l-istess awtorita'. | Sindku |
| 01. 2. 6 | 01.3.2 | Darmanin: Ipparkjar ta' trakk tal-gass fi Triq Ħerba | Darmanin informa lill-Kunsill li l-pulizija solvew dan il-każ. | Darmanin |
| 01. 2. 7 | 01.3.4 | Camilleri: Prize Day | **Il-Kunsill qabel li jinxtara ktieb għall-Jum il-Premjazzjoni ta' l-iskola primarja B li ser issir nhar il-Ġimgħa 24 ta' April.** | Camilleri |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 2. | 8 | 01.3.5 | Viċi-Sindku: Avviżi - Publikazzjonijiet tal-Festa | **Il-Kunsill qabel li għandu jsir avviż ta' awguri ta' nofs paġna kulur wieħed fil-pubblikazzjonijiet tal-festa li jinħarġu mill-Għaqda Banda Żejtun, Għaqda Muzikali Beland, Għaqda tan-Nar, Għaqda ta' l-Armar u l-Ufficcju Parrokjali, bħalma saru fi snin preċedenti. Ser jingħata Eur 58.23 lil kull għaqda għal dan l-avviż.** | Segretarjat |
| 01. | 2. | 9 | 01.5.1 | Sindku: MEUSAC | Is-Sindku spjega li għall-konferenza li ser issir mill-MEUSAC ser jattendu rappreżentanti mill-Kunsill Lokali Żejtun, mill-Kunsill ta' Tocina u qed nistennew konferma mill-Kunsill ta' Celano. Ir-risposta ta' dawn ta' l-aħħar qed tieħu daqsxejn fit-tul minħabba t-terremot li laqgħat ir-reġjun. | Sindku |
| 01. | 2. | 10 | 01.6.1 | Fenech: Traffic Management | Fenech talbet sabiex isir traffic management fejn il-mitħna fi Triq Bormla. Din it-talba ġiet milqugħa. | Darmanin |
| 01. | 2. | 11 | 01.9.4 | Segretarjat: WIFI fil-ġonna | Minn informazzjoni li l-Kunsill kiseb mill-Malta Communications Authority, sar magħruf li għal kull WIFI hot spot irid isir ħlas ta' Eur75 fix-xahar u għaldaqstant qed isir tentattiv sabiex dawn isiru fuq bażi ta' sponsorship minn kumpaniji lokali li joffru servizz ta' internet. | Pace |
| 01. | 2. | 12 | 01.9.6 | Darmanin: Tower Crane fi Triq Luqa Briffa | Darmanin staqsa sarx il-ħlas pendenti mill-kuntrattur li kellu t-tower crane armat fi Triq Luqa Briffa. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Darmanin |
| 01. | 2. | 13 | 01.9.18 | Sindku: Permess - Newwes Garage | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ADT ħarġet il-permess għal double yellow lines fi Triq l-Arċipriet Degabriele faċċata ta' Newwes Garage. | Darmanin |
| 01. | 2. | 14 | 01.9.26 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku irrapurtat l-attivitajiet li saru mis-seba' visti sa l-Għid li għalihom kien hemm parteċipazzjoni tajba u rnexxew. | Viċi-Sindku |
| 01. | 2. | 15 | 01.9.27 | Viċi-Sindku: Trakk mitluq fi Triq Labour | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li dan it-trakk tneħħa. | Darmanin |

**01. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML02/09. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 3. | 1 | 01 | MEPA: PA0107/09 | **Il-Kunsill qabel nem.con sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dawn is-siti jinsabu fil-*village core* u għalhekk għandu jinżamm it-*texture* u l-karattru ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 01. | 3. | 2 | 02 | DLG: Allokazzjoni Finanzjarja | Is-Sindku qara l-korrispondenza mibgħuta mid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni finanzjarja 2009-2010 u skemi varji li ser joħorġu jew li diġa' ħarġu. Sabiex il-Kunsill jibda jissottmetti applikazzjonijiet li minnhom jikseb fondi mill-Unjoni Ewropeja, **il-Kunsill qabel li jitlob konsulenza professjonali tas-Sur Malcolm Borg, bniedem espert f'din il-materja.** | Sindku |
| 01. | 3. | 3 | 03 | DLG: Ritratt tal-President ta' Malta | **Il-Kunsill qabel li għandu jixtri 2 kopji tar-ritratt tal-President il-ġdid ta' Malta Dr George Abela.** | Segretarjat |
| 01. | 3. | 4 | 09 | OPM: Elezzjoni tal-Kunsill Lokali | Hekk kif ġie imħabbar fid-diskors tar-riforma mill-Onor Chris Said, l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali Żejtun li jmiss ser tkun fl-2013. | |

**01. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 02/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 01. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 02/09 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 02/09 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 01. ## 3 | | Talbiet għal Xiri 02/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |

**01. 5. Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 5. 1 | | Proponent: Camilleri<br>Sekondant: Wille Piscopo | **Il-Kunsill qabel nem.con li s-sotto kumitat ta' l-edukazzjoni jorganizza korsijiet edukattivi tul is-sajf li ġej. Il-korsijiet jinkludu Malti, Ingliż, Taljan, Franċiż, Story Telling u Computer. L-għalliema ser ikunu dawk tas-sena l-oħra wara li l-Kunsill ra li ma kellux ilmenti. Il-korsijiet tal-computer ser isiru minn TCTC Ltd.**<br>**Wara diskussjoni li saret dwar il-korsijiet tal-kompjuter offruti minn TCTC, il-Kunsill qabel li s-sussidju tal-Kunsill għal kull student/a jkun ta' Eur10 filwaqt li l-applikant iħallas Eur25.** | |

**01. 6. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 6. 1 | | Sindku: Niċċa | Is-Sindku talab sabiex jittieħed ritratt tan-niċċa li hemm fi Triq M'Xlokk k/m Triq San Anard kif ukoll ritratt ta' l-area. Seychell spjega kif preċedentement dan l-item ġie diskuss fil-laqgħat tal-Kunsill. Minn informazzjoni li kiseb Seychell, ħareġ li t-travu ta' taħt in-niċċa kien ikkundannat. Is-Sindku talab sabiex tinstab soluzzjoni ħalli din in-niċċa tiġi restawrata. | Seychell |
| 01. 6. 2 | | Darmanin: Bankina fi Vjal 25 ta' Novembru | Darmanin talab sabiex il-kuntrattur jirranġa l-bankina ta' ħdejn l-HSBC fi Vjal 25 ta' Novembru. | Sindku<br>Darmanin |
| 01. 6. 3 | | Wille Piscopo: 50 sena saċerdozju | **Il-Kunsill qabel li l-Viċi-Sindku tippreżenta plakka ta' awgurju lil Dun Frans Mifsud fl-għeluq il-50 sena mis-saċerdozju tiegħu.** Il-Kunsill talab li tinkiteb ittra sabiex jinżammu postijiet riservati għall-kunsilliera. | Viċi-Sindku |
| 01. 6. 4 | | Pace: Sleeping Policeman | Pace talab li ssir sleeping policeman fi Triq Lorenzo Gafa'. Darmanin inkarigat jispezzjona din it-talba. | Darmanin |
| 01. 6. 5 | | Wille Piscopo: Basketball ring. | Wille Piscopo reġġħet fakkret lill-Kunsill dwar it-talba ta' żgħażagħ Żwieten għal twaħħil ta' basket ball ring f'wieħed mill-ġonna madwar il-lokalita'. | Sindku<br>Fenech |
| 01. 6. 6 | | Viċi-Sindku: Attivitajiet | **Il-Kunsill qabel nem.con li s-sotto kumitat tal-familja jorganizza coffee morning għal Jum l-Omm nhar is-7 ta' Mejju u weekend break bejn it-8 u l-10 ta' Mejju.** | Viċi-Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fl-9.45pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 7 ta' Mejju, 2009 fis-6.00pm fl-uffiċċji tal-Kunsilli Lokali Zejtun.

| | |
|---|---|
| Joe Attard | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |